**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 274/2021 RM**

**Randolph Spiteri**

**-Vs**

**Yendrick Cioffi, Saviour Balzan, Albert Gauci Cunningham u Emmanuel Cassar**

**Illum, 15 ta' Mejju 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Randolph Spiteri fir-Reġistru tal-Qorti fit-12 ta' Ottubru 2021 fejn talab li l-konvenuti kollha jiġu kkundannati jħallsuh dik is-somma li din il-Qorti, tiddetermina ai termini tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap.579), bħala danni u riparazzjoni tal-malafama li huwa sofra, meta bħala awtur, editur u intervistat rispettivament tal-artikolu intitolat "Daħħal l-arma f'ħalq priġunier... jekk mhux se toqgħod ta' nies, naħlija fuqek" ippublikat fil-ġurnal b'mod elettroniku u dak stampat ILLUM, nhar il-Ħadd 10 ta' Ottubru, 2021, tajt malafama lill-attur b'allegazzjonijiet foloz u malafamanti fejn, fost oħrajn, allegajt li huwa kien responsabbli ta' aġir abbużiv permezz ta' theddid serju ktibt il-kliem u nikkwota dirett

mill-artikolu "Semma wkoll li fih kienet involuta priġuniera li kienet tbati bi problemi ta' saħħa mentali u li meta rritornat il-ħabs, wara żmien tingħata il-kura fl-Isptar Monte Karmeli, spiċċaw jgħaddu iż-żmien biha, partikularment l-Assistent Direttur Randolph Spiteri." (kopja tal-Artikolu relattiv meħud fl-10 ta' Ottubru 2021 mehmuża bħala Dok A).

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti inġunti minn issa għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-konvenuti Yendrick Cioffi, Saviour Balzan u Albert Gauci Cunningham ippreżentata fil-1 ta' Novembru 2021 fejn eċċipew:-

1. *Preliminarjament, l-esponent Albert Gauci Cunningham għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju billi mhuwiex l-editur reġistrat tal-gazzetta Illum.*

2. *Fil-mertu, l-attur għandu fl-ewwel lok jindika b'mod preċiż liema brani jqis malafamanti fil-konfront tiegħu.*

3. *F'kull każ, il-fatti esposti fil-pubblikazzjoni ma jikkontjenux allegazzjonijiet foloz.*

4. *Bla ħsara għall-premess, il-pubblikazzjoni tikkonsisti f'raputaġġ fidili tal-fatti u opinjonijiet fornuti minn persuna identifikata ossia l-intimat l-ieħor Emmanuel Cassar. Konsegwentement l-esponenti m'għandhomx iwieġbu għalih anke jekk semmai jirriżulta li dak li qal huwa malafamanti fil-konfront tal-attur.*

5. *In oltre', il-pubblikazzjoni hija ta' interess pubbliku u l-esponenti kienu qed jaqdu korrettament id-dmirijiet tagħhom li jirrapotaw dwar aħbar ta' importanza pubblika f'soċjeta' demokratika li tħaddan bi sħiħ il-liberta' tal-espressjoni.*

6. *Mingħajr preġudizzju, il-pubblikazzjoni tikkostitwixxi fair comment.*

7. *In oltre', it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fil-liġi.*

8. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat ir-Risposta tal-konvenut Emmanuel Cassar ippreżentat fil-31 ta' Jannar 2022 fejn eċċpixxa:-

"*1. It-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

*2. L-attur ghandu jindika fl-ewwel lok b'mod preciz liema brani mill-artiklu mertu tal-kawza, iqis malafamanti fil-konfront tieghu;*

*3. Dak li gie riportat fil-konfront tal-attur huwa bbazat fuq fatti u affarijiet li jistghu jigu ppruvati bhala veritieri;*

*4. Minghajr pregudizzju ghat-tielet eccezzjoni, dak li ntqal mill-esponent hija opinjoni onesta ta' fatti veritieri;*

*5. Illi barra minn hekk dak li kien qed jintqal kien qed jintqal dwar ufficjali pubbliku fl-ezekuzzjoni ta' dmirijietu;*

*6. Illi jrid jigri ppruvat x'danni sofra l-attur u jekk kienx hemm hsara ghar-reputazzjoni tieghu"*

*7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri premessibbli skont il-Ligi u minghajr pregudizzju ghal xi drittijiet spettanti lill-esponent skont il-Ligi."*

Semgħet lil Dr. Andrew Saliba għall-konvenuti Saviour Balzan, Yendrick Cioffi u Albert Gauci Cunningham jiddikjara ili l-editur reġistrat tal-gazzetta 'Illum' huwa Saviour Balzan;

Rat illi in vista ta' din id-dikjarazzjoni u permezz ta' nota ppreżentata fid-29 ta' Novembru 2021, l-attur ċeda l-kawża fil-konfront tal-konvenut Albert Gauci Cunningham;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi kollha u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-attur fil-15 ta' Marzu 2023;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva ippreżentata mill-konvenuti Yendrick Cioffi u Saviour Balzan fl-10 ta' April 2023;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva ippreżentata mill-konvenut Emmanuel Cassar fit-2 ta' Mejju 2023;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jimpunja bħala malafamanti artikolu ppubblikat fil-gazzetta 'Illum', fil-ħarġa tal-11 ta' Ottubru 2021, intestat "*Daħħal l-arma f'ħalq il-priġunier ... jekk mhux se toqgħod ta' nies, naħlija fuqek*", speċifikatament is-segwenti bran:-

"*semma wkoll kaz li fih kienet involuta priguniera li kienet tbati bi problemi ta' saħħa mentali u li meta rritornat il-ħabs, wara żmien tingħata kura fl-Isptar Monte Karmeli, spiċċaw jgħaddu ż-żmien biha, partikolarment l-Assistent Direttur Randolph Spiteri*"

Għaldaqstant, għall-fini tat-tieni eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti kollha fir-Risposta rispettiva tagħhom, jirriżulta li l-attur tabilħaqq indika s-siltiet impunjati minnu f'din l-azzjoni għal malafama.

**L-attur, Randolph Spiteri**, xehed illi fiż-żmien meta ġie pubblikat l-artikolu bil-bran allegatament malafamanti, huwa kien jokkupa l-pożizzjoni ta' Kap tal-Amministrazzjoni u l-Operat fil-Faċililta' Korrettiva ta' Kordin fejn kull ma jiġri fil-ħabs u l-uffiċjali korrettivi jaqgħu taħt ir-responsabbilita' tiegħu. Huwa kien jisma' dak li għandhom xi jgħidu l-priġunieri u qatt ma sar rapport fil-konfront tiegħu dwar trattament ħażin ta' xi priġunier. Fisser illi huwa dejjem ħadem biex jgħin lill-priġunieri u kien jipprova jsib impjieg ma' diversi azjendi għal min ikun wasal biex joħroġ mill-ħabs. Ċaħad kategorikament li huwa qatt iddieħek bi priġunier vulnerabbli kif ġie allegat u insista li l-episodju li ġie deskritt fl-artikolu qatt ma seħħ tant illi lanqas jaf min hi l-persuna li ssemmiet fl-artikolu. L-attur spjega illi l-ħabsin ta' sikwit jitilgħu u jinżlu mill-Isptar Monte Carmeli minħabba methadone stabilisation li jeħtieġ li jsir minn psikjatra u t-tobba tal-istess Sptar.

Xehed ukoll illi b'dak li ġie pubblikat, ħass illi r-reputazzjoni u l-integrita' tiegħu ġiet mittiefsa għaliex diversi persuni staqsewh x'fettillu jagħmel hekk jew qalulu li jmissu jistħi jekk verament iddieħak b'priġuniera vulnerabbli u marida mentalment għalkemm huwa jaf li qatt ma ġab ruħu b'dan il-mod.

Ikkunsidrat;

Mill-provi jirriżulta illi l-konvenut Yendrick Cioffi huwa l-awtur tal-artikolu impunjat fil-waqt illi l-konvenut Saviour Balzan huwa l-editur reġistrat tal-gazzetta 'Illum' li

ppubblikat dan l-istess artikolu. L-artikolu 3(3) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama jiddisponi illi l-azzjoni ċivili għal malafama taħt dan l-Att dwar kull ħaġa ppubblikata fil-midja tista' tittieħed kontra kull waħda mis-segwenti persuni: l-awtur, l-editur u, meta dawn tal-aħħar mhumiex faċilment identifikabbli, ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni.

Għaldaqstant, in kwantu indirizzata fil-konfront tal-konvenuti Saviour Balzan u Yendrick Cioffi, l-azzjoni ġiet esperita korrettement.

In kwantu mbagħad għall-konvenut Emmanuel Cassar, huwa xehed illi kien ġie intervistat minn ġurnalist ta' Illum u li l-artikolu li ġie pubblikat fuq l-istess gazzetta (Dok. A[1]), fih il-verżjoni li huwa kien ta lill-ġurnalist u hija l-verita'. Mix-xhieda tal-konvenut Emanuel Cassar huwa indiskuss li huwa ta l-kunsens tiegħu għall-pubblikazzjoni tal-artikolu u ma jistax jitqies bħala persuna li ma kellux il-ħsieb li jippubblika l-istqarrijiet li huwa ta lill-konvenut Yendrick Cioffi[2].

Skont Gatley:

"*A person who is qualified to take advantage of the s.1 defence must show that he did not know, and had no reason to believe, that what he did caused or contributed to the publication of a defamatory publication.*"[3]

Ukoll: "*... if a person submits material to a newspaper or tells a reporter a story defamatory of the claimant without restriction on its publication, makes statements at a conference or issues a press release, he will be liable for the publication in the newspaper. An express authority or a request to publish is unnecessary.*"[4]

---

[1] Paġna 2 tal-atti tal-kawża.
[2] Gatley (On Libel and Slander) 2013 Ed., jagħti s-segwenti eżempju: "*... where X writes a letter to a newspaper and it is published therein, X is liable as author and the editor of the newspaper as editor, even though X's statement is repeated verbatim (the newspaper itself is also liable as a publisher)*" – 6.32 p. 230.
[3] Gatley, *ibid.,* 6.36 page 236
[4] Gatley *ibid.,* 6.53, page 257.

Konsegwentement, bl-applikazzjoni tal-paragrafu (a) tal-Artikolu 3(3) tal-Kap. 579 u bħala l-oriġinatur tal-pubblikazzjoni, il-konvenut Emmanuel Cassar jinkwadra fid-definizzjoni ta' 'awtur', li jfisser li l-Qorti għandha ġurisdizzjoni tisma' l-azzjoni wkoll in kwantu indirizzata fil-konfront tiegħu.

Ikkunsidrat;

Il-konvenuti Yendrick Cioffi u Saviour Balzan eċċipew illi l-bran impunjat mill-attur jikkonsisti f'rapportaġġ fidili tal-fatti u opinjonijiet tal-konvenut Emanuel Cassar u għaldaqstant, huma ma għandhomx responsabbilita' għall-pubblikazzjoni anke jekk kellu talvolta jirriżulta li dak li ġie rapportat huwa malafamanti għall-attur.

Il-Qorti ma taqbilx ma' din il-linja difensjonali.

Huwa prinċipju ġenerali tal-liġi tad-diffamazzjoni li l-persuni kollha li jipprokuraw jew jipparteċipaw fil-pubblikazzjoni ta' libell, ċioe' il-ġornalist, l-editur u l-persuna reponsabbli għall-pubblikazzjoni, jitqiesu li huma lkoll solidalment responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-persuna aggravata.

Fir-rigward, Gatley jagħti s-segwenti eżempju:-

"*... the signatories of a petition, praying for the removal from office of a public official, were jointly and severally liable with the person who drafted the petition for any defamatory statement contained therein*."[5]

Konsegwentement, fil-każ tal-pubblikazzjoni ta' gazzetta, l-awtur, l-editur kif ukoll il-pubblikatur huma lkoll solidalment responsabbli għall-pubblikazzjoni ta' libell[6].

[5] Gatley, *ibid.,* page 201 6.11.
[6] Gatley *ibid.,* 6.11, page 200.

Inoltre, għandu jingħad illi bħala regola ġenerali, persuna ma tistax teludi responsabbilita' għal malafama billi tattribwixxi stqarrija malafamanti lil persuna oħra. Fir-rigward, jingħad:-

*"The 'repetition rule' reflects a fundamental canon of legal policy in the law of defamation ... that words must be interpreted, and the implications they contain justified, by reference to the underlying allegations of fact and not merely by reliance upon some second-hand report or assertion of them. ...* '***repeating someone else's libellous statement is just as bad as making the statement directly', and therfore, 'for the purpose of the law of libel a hearsay statement is the same as a direct statement***." (emfasi tal-Qorti)

Għaldaqstant, ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti Saviour Balzan u Yendrick Cioffi m'hijiex tajba u ser tiġi respinta.

Ikkunsidrat;

L-attur jissemma b'ismu fil-pubblikazzjoni impunjata u għalhekk m'hemmx dubju li huwa identifikat. Il-Qorti għalhekk trid tgħaddi biex tistabbilixxi jekk il-kriterju ta' ħsara serja lir-reputazzjoni, stabbilit mill-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama (l-Att), huwiex sodisfatt f'dan il-każ partikolari. Dan l-artikolu jistipola illi stqarrijiet m'humiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja, lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba u, f'każ ta' korp li jopera għal profitt, telf finanzjarju serju.

Qabel xejn irid jiġi stabbilit x'inhi l-imputazzjoni li titnissel mill-istqarrijiet impunjati f'din il-kawża, ċitati iktar qabel. Jingħad illi fl-istħarriġ tal-kwistjoni jekk fil-pubblikazzjoni impunjata, saritx imputazzjoni diffamatorja fil-konfront tal-persuna aggravata, għandu jigi stabbilit jekk mill-kuntest sħiħ tal-pubblikazzjoni, persuna raġjonevoli u ta' intelliġenza ordinarja ("*an ordinary, reasonable person*"), tkun

kapaċi tifhem dik l-istqarrija bħala waħda li minnha raġjonevolment tinsilet l-imputazzjoni impunjata.

Fil-każ li għandha quddiemha, il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni li jitnissel mill-istqarrija impunjata hija illi **l-attur jabbuża mis-setgħat tiegħu bħala Assistent Direttur tal-Ħabs billi jisfrutta l-priġunieri li jaqgħu taħt ir-responsabbilita' tiegħu.**

Kif ingħad, l-attur fiż-żmien tal-pubblikazzjoni kien jokkupa l-kariga ta' Assistent Direttur ta' entita' li tmexxi faċilita' penali u korrettiva, kariga importanti ta' responsabbilita' gravi li tesiġi mhux biss grad sostanzjali ta' kompetenza, serjeta` u kontabbilita` iżda wkoll doża qawwija ta' sensittivita' u prudenza fl-imġieba tal-persuna li tokkupa kariga bħal din, it-tieni għola kariga fit-tmexxija tal-ħabs. Dan qed jingħad naturalment minħabba d-diffikoltajiet ġenerali riskontrati minn priġunieri li, bħala persuni li, xi ftit jew wisq, ikunu mwarrbin mis-soċjeta' u privati mil-liberta' tagħhom, jinsabu f'sitwazzjoni li minnha nnifisha tirrendihom vulnerabbli. *Multo magis* id-diffikoltajiet mkabbrin rinfaċċjati minn priġunieri li jbatu minn problemi ta' saħħa mentali.

Għalhekk, kull imputazzjoni li l-attur jabbuża mis-setgħat tiegħu fit-twettiq ta' din il-kariga, timpinġi direttament fuq il-kompetenza tiegħu għal din il-kariga pubblika u tnaqqas mill-fiduċja fih kif ukoll tiskreditah. Effettivament, l-imputazzjoni li l-attur f'kariga ta' poter jiddieħak bl-iktar priġunieri vulnerabbli, fiha propensita' qawwija li toskura b'mod serju l-istima tal-attur f'ghajnejn il-pubbliku in ġenerali[7].

"*It has been held defamatory to write of someone that he has been guilty of oppressive, intolerant, insulting, reprehensible, threatening or unbrotherly conduct, or of a breach of duty or that his actions are motivated by revenge when he asserts other*

[7] *"the words will be defamatory because of the injury to his reputation in his trade, profession or office and that is enough."*

*motives, or that he is a 'heartless, rude bastard'; or to impute 'any dishonourable conduct to another though not involving a breach of positive law.*"[8]

Għaldaqstant, l-imputazzjoni mnissla mill-istqarrija impunjata fl-artikolu ppubblikat fil-gazzetta Illum, hi kapaċi tikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur u hija għalhekk diffamatorja fil-konfront tiegħu għall-fini tal-Artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama.

Ikkunsidrat;

Stabbilit illi l-istqarrijiet ippubblikati mill-konvenut fihom il-propensita' li jikkaġunaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur, u kwindi huma diffamatorji għall-attur, il-Qorti trid tgħaddi biex tistħarreġ is-siwi o meno tal-eċċezzjonijiet fil-mertu li bihom il-konvenuti laqgħu għat-talba fir-Rikors promotur.

Il-konvenut kollha eċċipew li l-fatti rapportati fl-artikolu ppubblikat fil-gazzetta 'Illum' fl-10 ta' Ottubru 2021 ma fihomx allegazzjonijiet foloz u huma fatti li jistgħu jiġu ppruvati bħala veritjieri.

Għall-Qorti dan ifisser li l-konvenuti qegħdin isostnu li dak li ġie pubblikat huwa l-verita'. Għalhekk sejra tistħarreġ l-eċċezzjonijiet fit-tielet paragrafu tar-Risposti rispettivi tal-konvenuti, mill-ottika tad-difiża tal-verita' taħt l-Artikolu 4(1) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama. Dan jiddisponi:-

*a) Hija difiża għal azzjoni ta' malafama li l-konvenut juri li l-imputazzjoni li tkun saret bi stqarrijiet li dwarhom sar l-ilment huma sostanzjalment veri.*

Il-Qorti tibda biex tosserva illi s-silta bl-istqarrija impunjata tikkonsisti sija f'dikjarazzjoni ta' fatti u sija wkoll f'dikjarazzjoni ta' opinjoni safejn tirrigwarda l-

[8] Gatley *ibid.* – 2.28. page 66.

frażi "*spiċċaw jgħaddu ż-żmien biha, partikolarment l-Assistent Direttur Randolph Spiteri*".

Huwa ritenut illi meta l-istqarrija impunjata mhix stqarrija ta' fatt iżda kumment ossia dikjarazzjoni ta' opinjoni, m'huwiex mistenni illi tiġi ppruvata l-verita` ta' kull fatt jew kelma, għaliex huwa diffiċli jekk mhux impossibbli li tiġi ppruvata l-verita' ta' opinjoni. Madanakollu jibqa' l-obbligu illi jintwera illi l-kumment huwa xprunat minn fatti li huma sostanzjalment veri.

*"... a careful distinction needs to be made between facts and value judgments. The existence of facts can be demonstrated, whereas the truth of value judgments is not susceptible of proof (see De Haes and Gijsels, cited above, p. 235, § 42, and Harlanova v. Latvia (dec.), no. 57313/00, 3 April 2003).*

*99. Admittedly, where allegations are made about the conduct of a third party, it may sometimes be difficult, as in the instant case, to distinguish between assertions of fact and value judgments. Nevertheless, even a value judgment may be excessive if it has no factual basis to support it (see Jerusalem v. Austria, no. 26958/95, § 43, ECHR 2001-II)."*[9]

Il-Qorti hi tal-fehma illi meta titqanqal id-difiża tal-verita' fir-rigward ta' stqarrija jkun fiha stqarrijiet malafamanti sija ta' fatt u sija wkoll ta' opinjoni, il-konvenut irid jipprova li l-istqarrijiet ta' fatt huma veri u li l-istqarrijiet ta' opinjoni huma korretti.

Il-Qorti tqis li d-difiża tal-verita' ssib riskontru f'dan il-każ anke għaliex il-ħtiġiet tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 4 tal-Att jinsabu sodisfatti: l-attur bħala Assistent Direttur tal-ħabs huwa uffiċjal pubbliku u f'kull każ, jokkupa pożizzjoni ta' fiduċja f'materja ta' interess pubbliku ġenerali.

---

[9] **Cumpănă and Mazăre v. Romania**; App. 33348/96, deciz 17 ta' Diċembru 2004.

L-oneru tal-prova li l-imputazzjoni mnissla mill-stqarrija impunjata hija vera, jinkombi lill-konvenut u l-kwistjoni dwar jekk l-imputazzjoni hijiex sostanzjalment vera jew le, trid tiġi riżolta b'referenza għall-evidenza li tiġi dedotta minn kull waħda mill-partijiet.

Blackstone, fir-rigward tad-difiża tal-verita' qabel ġie fis-seħħ id-Defamation Act UK (2013), jgħid hekk:-

"*... a defendant was not required to prove the literal truth of every statement complained of: it was enough to establish the essential or substantial truth of the central defamatory 'sting' of the words. Thus a plea of justification*[10] *could succeed even if other, immaterial details in the offending statement were not proved to be true.*"[11]

Il-prinċipji li huma relevanti u applikabbli għall-fini tat-tifsira tal-frażi "*imputazzjoni ... sostanzjalment ver*(a)" fl-Artikolu 4(1) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama huma l-istess prinċipji li kienu relevanti għad-difiża tal-ġustifikazzjoni li kienet applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att u tajjeb li jingħad ukoll li din id-dispożizzjoni legali hija riproduzzjoni identika tad-dispożizzjoni relattiva taħt id-Defamation Act UK (2013).

Dawn il-prinċipji ġew sintetizzati hekk per Nicklin J fid-deċiżjoni reċenti **f'Bokova v Associated Newspapers Ltd** [2018] EWHC 2032 (QB), [2019] QB 861, [28]:-

*"(i) A defendant must show the relevant defamatory imputation is "substantially true": section 2(1). The Explanatory Notes to the Act refer to the Court of Appeal's decision in Chase v News Group Newspapers Ltd [2003] EMLR 11, para 34: 'the defendant ... has to establish the 'essential' or 'substantial' truth of the sting of the*

---

[10] Kif kienet magħrufa din id-difiża qabel id-daħla fis-seħħ tad-Defamation Act, 2013 u l-leġislazzjoni korrispondenti domestika, fl-Artikolu 4(1) tal-Kap. 579.

[11] ***Blackstone's Guide to the Defamation Act,*** 2013 (Oxford University Press), 3.02, p. 28.

Skont Gately *ibid.*: "*The requirement that the defendant need prove only the substantial truth of what has been published entails that a defence of truth may succeed even though the publication was inaccurate in a number of respects. If the defendant can prove that the main charge or gist of the libel is true, a light inaccuracy in one or more of its details will not prevent him from succeeding in a defence of truth.*"

*libel. To prove the truth of some lesser defamatory meaning does not provide a complete defence.'*
*(ii) The court should not be too literal in its approach. Proof of every detail is not required where the relevant fact is not essential to the sting of the publication: ... The task is 'to isolate the essential core of the libel and not be distracted by inaccuracies around the edge – however extensive": Turcu's case, para 105*[12]."

Imbagħad, f'deċiżjoni iktar reċenti, **Riley v Murray** [2021] EWHC 3437 (QB), [2022] EMLR 8 at [51] ġie wkoll riaffermat is-segwenti prinċipju:-

"*... In deciding whether any given defamatory imputation is substantially true, the court will have well in mind the requirement to allow for exaggeration, at the margins, and have regard in that context also to proportionality. Having regard to its overall gravity and the relative significance of any elements of inaccuracy or exaggeration, has the substantial sting been proved?*"

Biex jiġi determinat jekk id-difiża tal-verita' hijiex f'lokha fil-każ li għandha quddiemha, il-Qorti tqis illi qabel xejn, ikun opportun li tagħmel referenza għax-xhieda tal-partijiet li kienu l-uniċi xiehda il xehdu f'din il-kawża. Is-sostanza tax-xhieda tal-attur diġa' saret referenza għaliha iktar 'il fuq u l-Qorti sejra issa tirriprodċi s-sostanza tax-xhieda tal-konvenut Emmanuel Cassar.

Il-konvenut xehed illi huwa beda jaħdem fil-ħabs fil-21 ta' Awwissu 1996 bħala *correctional officer*. Matul l-impieg tiegħu huwa ħadem fit-taqsimiet kważi kollha fil-ħabs u dam jaħdem hemm sal-20 ta' Marzu 2019 meta l-impieg tiegħu ġie terminat minħabba passi dixxipplinarji li ttieħdu fil-konfront tiegħu mid-Direttur ta' dak iż-żmien Alexander Dalli. Il-każ mar quddiem l-Ombudsman li ddeċieda li t-tkeċċija tiegħu mill-impieg kienet inġusta.

---

[12] Fid-deċiżjoni **Turcu v. News Group Newspapers Ltd** (2005) EWHC 799 (QB) at 111 rikonoxxiet illi l-pubblikatur jista' jiġi konċess ċertu qies ta' esaġerazzjoni anke fil-kuntest ta' asserzjonijiet fattwali.

Dwar l-episodju li jikkonċerna l-attur, Emanuel Cassar xehed li bosta uffiċjali tal-ħabs jafu bih izda ħadd ma jista' jitkellem għaliex jibżgħu għall-impieg tagħhom u mill-passi dixxiplinarji li jkunu soġġetti għalihom. Dan peress li l-uffiċjal tal-ħabs ma jistgħux joħorġu informazzjoni dwar dak li jiġri fil-ħabs barra mil-konfini tal-ħabs. Iżda meta spiċċa mill-impieg tiegħu bħala uffiċjal korrettiv, huwa dehrlu li ma kellux jibqa' kwiet iktar u jħalli l-abbużi li kienu jsiru fil-ħabs, għaddejjin.

Il-konvenut xehed illi r-rapport dwar il-verżjoni tiegħu li ġie pubblikat fil-gazzetta wasal għand il-Kummissarju tal-Pulizija u nfetħet investigazzjoni tal-Pulizija fuq l-allegazzjonijiet li huwa għamel, tant illi ssejjaħ biex jixhed fl-inkjesta li kienet infetħet u sa dakinhar li xehed quddiem il-Qorti f'din il-kawża, kien għad jeħtieġ ikompli jixhed fl-inkjesta.

Qal ukoll li l-priġuniera li saret referenza għaliha fil-bran impunjat mill-attur bħala malafamanti, hija ċertu Lorraine Vella li llum qiegħda tagħmel programm fi ħdan l-Aġenzija Caritas u ma għadhiex miżmuma fil-ħabs. Fiż-żmien kienet ukoll qed tinżamm fl-Isptar Monte Carmeli. Dak iż-żmien huwa kien stazzjonat il-*gate house* fejn kien jirreġistra kull daħla u ħarġa mill-ħabs u fejn kull persuna, ossia uffiċjal tal-ħabs, jiġi mistoqsi fejn huma sejrin u jittieħed notament ta' min ikun hemm fil-vettura u n-numru uffiċjali tagħhom.

Dakinhar li seħħ l-episodju li dwaru l-attur fetaħ dan il-libell, il-konvenut xehed illi kienu hu, uffiċjal mara, uffiċjal ieħor raġel u l-Maġġur Dennis Cassar li jiġi ħuh. Il-priġuniera in kwistjoni, li kienet qed tiskonta piena ta' priġunerija, kienet daħlet katnazz u xfar li kienu mgeżwrin ġo fidda fil-parti ġenitali tagħha u kienet sejra tittieħed mill-Isptar Monte Carmeli għall-Isptar Mater Dei bi skorta biex dawn jitneħħewlha. Għalhekk telqu mill-ħabs membri tas-Special Response Team biex jitilgħu għal din il-priġuniera ħalli tittieħed Mater Dei u hu kien niżel fil-garaxx fejn hemmhekk kien niżżel huwa stess in-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura li kienu ħerġin biha u n-numru ta' uffiċjali fil-vettura u fejn kienu sejrin, u kiteb ukoll fl-*occurrence book* (li huwa ktieb apposta li jinżamm fil-*gate house*), li din il-priġuniera

kienet ser tiġi trasferita minn Mount Carmel għall-Isptar u r-raġuni għal dan. L-uffiċjali li marru jakkumpanjaw lil din il-priġuniera kienu l-attur, Randolph Spiteri, kif ukoll ħuh Dennis Cassar li sal-lum għadu jaħdem il-ħabs. L-istess ħuh qallu li waqt li kienu ġewwa Mater Dei u l-priġuniera kienet fuq *stretcher* u magħha kien hemm ukoll infermiera, Randolph Spiteri għadda rimarki xejn sbieħ fil-konfront tal-priġuniera fejn qalilha: "*għaliex ma ddaħħalhomx il-blades u l-katnazz fil-parti tagħha għandha baċir bħal dak*". Hi semgħetu u qabdet toffendih u tkellmu ħażin. Mill-isptar ġew il-ħabs u b'ordni tal-attur, din il-priġuniera ġiet maqfula ġewwa kamra singlu fit-taqsima Female A bil-qalziet ta' taħt biss fejn tħalliet għal bosta ġranet. Kull darba li kienet tilmenta fiċ-ċella, kien iżidilha l-ammont ta' ġranet li kellha tibqa' fiċ-ċella.

Il-konvenut fisser li dan kollu jafu għaliex huwa kien il-ħabs u kien niżel f'dan is-*single room* flimkien ma' ħuh Dennis Cassar, Randolph Spiteri u ma' persuna tal-SRT u kien preżenti meta l-attur għaddielha s-segwenti rimarki: "*Kif qed tħossok, tajjeb bil-qalziet ta' taħt biss?*" Spjega illi iktar ma kienet tilmeta din il-priġuniera iktar kien iżidilha l-ġranet fis-*single room* meta wara kollox, hi kienet qiegħda hemmhekk b'ordni tal-attur meta kien hu stess li kien ipprovokaha u hi kienet irritaljat.

Ftit ġranet wara, hu kien fil-prisons ground in-naħa tal-*administration block*, flimkien ma' Randolph Spiteri u ma ħuh Dennis Cassar fejn l-attur, li kien ma' ġenbu, dar fuq ħuh u qallu "*inti kull ma għandek tgħid illi aħna konna qegħdin nitkellmu fuq il-baċir ta' Bormla u mhux fuq il-priġuniera*". Il-konvenut xehed illi hawnhekk l-attur kien qiegħed ovvjament jgħid lil ħuh hekk għal dak li kien ġara ġewwa l-isptar, fejn kien qal lill-priġuniera biex iddaħħal ix-xfar u l-katnaxx fil-baċir li kellha.

Xehed ukoll li huwa qatt ma kellu xi jgħid la mal-attur u lanqas mad-Direttur Alexander Dalli matul iż-żmien li kien jaħdem fil-ħabs. Għalkemm stqarr ukoll li kellu relazzjoni tajba mal-attur, jaf ukoll illi sa mill-ewwel ġurnata li beda jaħdem fil-ħabs, l-istess attur ried bil-fors jibagħtu jkompli s-servizz tiegħu barra mill-ħabs, għal raġuni li ma jafx x'inhi.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tosserva illi meta l-attur fid-depożizzjoni tiegħu kien qed ifisser li mhux minnu li huwa qatt iddieħak bil-persuna vulnerabbli li ssemmiet fl-artikolu, l-abbli avukat tiegħu kien staqsieh speċifikatament: "*... inti kif inhi r-relazzjoni tiegħek* ***anke ma' din il-persuna għax taf min hi din il-persuna?***" (emfasi tal-Qorti) Għal liema mistoqsija l-attur wieġeb: "*Ara Sinjura Maġistrat, fil-posizzjoni tiegħi kull darba li priġunier jew priġuniera titlob li tiltaqa' miegħi jiena ovvjament ikolli nisma' dak li għandha xi tgħid.*"[13] Iktar 'il quddiem xehed hekk: "*il-persuna vulnerabbli li qed isemmi hemmhekk jiena żgur li qatt ma ddieħakt biha.*" Imbagħad xehed li huwa ma jafx għal min kien qed issir referenza fl-artikolu, ċioe' min kienet il-priġuniera li allegatament għadda ż-żmien biha. Iżda minnufih wara, l-attur xehed "*meta nizlet lura din il-persuna*", b'referenza għar-ritorn tal-priġuniera mill-Isptar Monte Karmeli għal ġewwa l-ħabs. Minkejja dan, l-attur in segwitu insista li ma jafx għal liema persuna partikolari saret referenza fl-artikolu u meta ġie mistoqsi in kontro-eżami, xehed li kien qed jirreferi għall-persuna li kiteb l-artikolu "*Min kien qed jgħid dawk l-affarijiet fuqi jien kont qed nirreferi*".

Il-Qorti bla tlaqliq tgħid illi xejn m'hi konvinta bil-veraċita' tal-verżjoni tal-attur meta qal li huwa ma jafx liema priġuniera saret referenza għaliha fl-artikolu u li l-episodju li tkellem dwaru l-konvenut Emanuel Cassar qatt ma seħħ. Fehmet mingħajr diffikolta' illi l-attur, meta qal "*il-persuna vulnerabbli li qed isemmi hemmhekk jiena żgur li qatt ma ddieħakt biha*", kien qed jirreferi sewwasew għall-priġuniera li ssemmiet fl-artikolu u mhux lill-konvenut, li jfisser ukoll li l-attur jaf tajjeb min kienet il-persuna vulnerabbli li għaliha kien qed jirreferi l-konvenut meta ddikjara li l-attur iddieħek biha. Il-Qorti tqis li mill-mod kif xehed l-attur, wera li kien jaf sija bl-episodju u kif ukoll min kienet il-priġuniera involuta iżda jiċħad li huwa qatt għadda ż-żmien biha. **U ġaladarba kien jaf min kienet il-priġuniera involuta, għall-Qorti jfisser li tassew seħħ episodju li baqa' jiftakar fih**.

[13] Paġna 28 u paġna 29 tal-atti tal-kawża.

Il-Qorti temmen lill-konvenut Emmanuel Cassar u tqis li għandha tagħti affidabbilita' lill-verżjoni tiegħu dwar dak illi seħħ u li ntqal fil-preżenza tiegħu, u mhux lill-verżjoni tal-attur li, kif rajna, ma kienx konsistenti u konvinċenti fix-xhieda tiegħu. Għalkemm huwa minnu li Emmanuel Cassar ma kienx prezenti meta l-attur offenda lil-priġuniera ġewwa l-Isptar Mater Dei u fir-rigward irrepeta l-kliem li ntqal mill-attur fil-preżenta ta' ħuh Dennis Cassar, li ma ġiex imressaq biex jixhed, il-konvenut Cassar kien preżenti meta l-attur ordna li din il-priġuniera, Lorraine Vella, tinzamm ġewwa ċella *single room* għal diversi ġranet liebsa biss il-qalziet ta' taħt, u ttantaha quddiem il-konvenut innifsu meta qalilha "*kif qed tħossok, tajjeb bil-qalziet ta' taħt biss?*" L-istess konvenut kien preżenti wkoll meta l-attur wissa lil Dennis Cassar ftit ġranet wara, biex jekk tinqala' xi ħaġa jrid jgħid illi huma kienu qed jitkellmu fuq il-baċir ta' Bormla fuq mhux fuq dak li kien qal lill-priġuniera.

Għall-Qorti hu ovvju, daqs kemm kien ovvju għall-konvenut, illi r-referenza għall-"baċir" tafferma illi effettivament huwa minnu li l-attur għajjar lill-priġuniera b'din il-kelma meta ttieħdet l-Isptar Mater Dei minħabba li kienet daħħlet xfar u katnazz fil-parti ġenitali tagħha. Iżda f'kull każ, **il-fatt innifsu li l-konvenut sema' lill-attur jinki lill-priġuniera Lorraine Vella meta kienet għarwiena għajr għall-qalziet ta' taħt f'ċella fejn inżammet f'din il-kundizzjoni fuq ordni tal-istess attur innifsu, u meta staqisha kienetx qed tħossha tajba bil-qalziet ta' taħt biss, hija prova biżżejjed tal-fatt illi kif ġie rapportat fl-artikolu, l-attur għadda ż-żmien biha**.

Il-Qorti ma taqbilx mal-attur li l-verżjoni tal-konvenut kellha tiġi sostanzjata mix-xhieda tal-priġuniera in kwistjoni jew ta' ħuh Dennis Cassar jew l-uffiċjal l-ieħor li kien preżenti fl-Isptar meta l-priġuniera ġiet indirizzat bil-kliem dispreġġattiv fuq imsemmi. Lil hinn mill-fatt illi l-Qorti fehmet illi Dennis Cassar għadu sal-lum impjegat mal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi, jirriżulta illi l-konvenut fisser b'mod konvinċenti u bla tlaqliq dak li seħħ u ntqal quddiemu li għall-Qorti, huwa biżżejjed biex jagħti sostenn fattwali suffiċjenti lid-dikjarazzjoni tal-konvenut Cassar u l-imputazzjoni speċifika tiegħu illi Randolph Spiteri iddieħak u għadda ż-żmien bi

priġuneria li kienet qed tinzamm fl-Isptar Monte Carmeli, fejn jiġu kurati pazzjenti bi problemi ta' saħħa mentali.

Fir-rigward ġie ritenut illi: "*If the gist of the libel can be proved, then there is no need to prove peripheral facts that do not add to the sting of the charge ... it is sufficient if the substance of the libellous statement be justified ... as much must be justified as meets the sting of the charge, and if anything be contained in a charge which does not add to the sting of it, that need not be justified.*"[14]

Dan qed jingħad ukoll anke wara l-Qorti osservat li l-attur baqa' qatt ma kkontesta serjament il-verżjoni tal-konvenut u llimita l-kontestazzjoni tiegħu biex jiċħad b'mod ġenerali li huwa qatt għadda ż-żmien bi priġuniera vulnerabbli. Il-Qorti diġa' kkonkludiet illi l-attur ma kienx konvinċenti meta xehed li ma jafx min hi l-priġuniera li rritornat lura fil-ħabs mill-Isptar Monte Carmeli u ma jafx b'xi episodju partikolari fejn priġuniera ritornat il-ħabs mill-Isptar Monte Carmeli u fil-qies ta' dan kollu, tħoss li l-verżjoni tal-konvenut Cassar hija verosimili u ppruvata fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet fuq il-preponderanza tal-provi.

Il-Qorti tqis illi l-konvenut Cassar irnexxielu jipprova żewġ istanzi ta' aġir da parti tal-attur li jixpruna mhux biss suspett raġjonevoli, iżda istanzi speċifiċi ta' kondotta ta' stmerrija da parti tal-attur fil-konfront tal-priġuniera li kellha problemi ta' saħħa mentali: (i) l-ordni tal-attur li tinżamm waħedha f'ċella għal diversi ġranet fi stat indinjituż u esposta għar-redikolu u (ii) l-inkejja tiegħu meta staqsiha jekk kienetx qed tħossha tajba bil-qalziet ta' taħt biss.

Dawn iż-żewġ istanzi tal-imġieba tal-attur fil-konfront ta' din il-priġuniera huma biżżejjed, fil-fehma tal-Qorti biex jiġi ppruvat "*that the main charge or the gist of the libel is true*". Il-verżjoni mhux kontrastata tal-konvenut Emanuel Cassar, bl-irqaqat kollha deskritti fix-xhieda tiegħu, jiġġustifikaw l-imputazzjoni ġenerali li tinsilet mill-istqarrija impunjata ċioe' li l-attur aġixxa b'abbuż tas-setgħat tieghu bħala Assistent

[14] Edwards v. Bell, per Burrough J., ċitat f'Gatley, 11.7, page 400/401.

Direttur tal-Ħabs għaliex ittratta lill-priġunieri vulnerabbli li jaqgħu taħt ir-responsabbilita' tiegħu b'nuqqas ta' dinjita' u rispett.

Fil-fehma tal-Qorti, aġir bħal dak deskritt mill-konvenut mill-esperjenza personali u diretta tiegħu ma jistax ikun maħsub ħlief biex ikompli jumilja lill-priġuniera li diġa' kienet umiljata u denigrata biżżejjed bil-fatt li ġiet ordnata tinzamm ġo ċella waħedha mingħajr ilbies adegwat biex jippreżerva d'dinjita' tagħha. Il-kummenti tal-attur evidentement u indubbjament komplew iżidu d-doża ta' umiljazzjoni ta' persuna li diġa; kienet, evidentement, vulnerabbli minħabba l-fatt li kienet miżmuma fi sptar fejn jiġu kkurati persun bi problemi ta' saħħa mentali inkluż dawk ikkawżati mill-abbuż tad-droga. **Għall-Qorti, il-fatti li jirriżultaw ippruvati mix-xhieda tal-konvenut Emanuel Cassar jikkostitwixxu fatti li kienu jeżistu fiż-żmien tal-pubblikazzjoni u li abbażi tagħhom, persuna onesta setgħet faċilment tasal biex tesprimi l-opinjoni li esprima l-konvenut fl-istqarrija impunjata, ċioe' li l-attur għadda ż-żmien bil-priġuniera li kienet ġiet lura l-ħabs mill-Isptar Monte Carmeli.**

Stabbilit illi l-imputazzjoni ġiet ippruvata li hi sostanzjalment vera u għalhekk id-difiża tal-verita' sejra tiġi milqugħa, il-Qorti tqis li mhux meħtieġ tistħarreġ il-bqija tal-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuti fir-Risposti rispettivi tagħhom.

**Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeċiedi li filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba in kwantu indirizzata fil-konfront tal-konvenut Albert Gauci Cunningham u filwaqt li tiċħad ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti Saviour Balzan u Yendrick Cioffi iżda tilqa' it-tielet eċċezzjoni sollevati mill-konvenuti kollha fir-Risposta rispettiva tagħhom u tilqa' wkoll ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenut Emmanuel Cassar, tiċħad it-talba tal-attur fir-Rikors promotur, bl-ispejjeż jiġu sopportati mill-istess attur.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**